MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 332/2003/1

**Maresco (Trading) Limited**

**vs**

**San Lawrenz Leisure Resort Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Dicembru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza parzjali fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erbat elef, tliet mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u erba' u sittin centezmu (Lm4328.64) in kwantu ghal mija u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm180.50)

rappresentanti bilanc dovut minn somma aktar in konnessjoni ma’ xogholijiet u merkanzija lill-konvenuti provduti u kkonsenjati mis-socjeta’ attrici fuq ordni tal-konvenuti, u in kwantu ghal erbat elef, mija u tmienja u erbghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm4148.14) rappresentanti imghax dovut fuq is-somma originali liema imghax qatt ma thallas, u kapitalizzati mill-14 ta’ Ottubru skond il-Ligi, kif jirrizulta minn skeda annessa bhala “Dok A”.

Bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Ottubru 2003, u bl-imghaxijiet li ghadhom qed jigu nkorsi kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 11 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok u b’rizultat tal-eccezzjonijiet l-ohra lis-socjeta konvenuta qeghda taghti, l-inkompetenza ta’ din il-Qorti – inkluz l-inkompetenza *rationae valoris* – peress illi din il-Qorti qeghda tkun imsejjha tiehu konjizzjoni ta’, u tiddeciedi, materji li huma lil hin mill-kompetenza taghha bhala pre-rekwizit essenzjali biex tiddeciedi l-mertu quddiemha.

2. Illi x-‘xogholijiet u merkanzija’ illi s-socjeta attrici qeghda tirreferi ghalihom fl-avviz fil-fatt huma *chillers, fan coils, boilers u calorifiers* u merci simili u/jew relatati, li l-valur taghhom hu ta’ cirka Lm100,000.00 illi s-socjeta eccipjenti inkarigat lis-socjeta attrici tinstalla fil-lukanda San Lawrence Leisure Resort; fl-ezekuzzjoni ta’ liema inkarigu s-socjeta attrici kienet mankanti fis-sens li ma lestitux, certu xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, certu materjal li gie pprovdut ma kienx tal-kwalita tajba u parts li thassru waqt li kienu taht garanzija ma gewx mibdula mis-socjeta attrici;

3. Illi sabiex tkun tista topera l-imsemmija lukanda kif mistenni mill-klijenti taghha, is-socjeta eccipjenti kellha taghmel x-xoghol rimedjali kollu hi a spejjez taghha, u ghal liema spejjez u danni relatati hi ntitolata li tigi

kkumpensata mis-socjeta attrici u dan ukoll fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti u pacifika nostrana;

4. Illi l-hlas ta’ eluf ta’ liri mhallsa mis-socjeta’ eccipjenti lis-socjeta’ attrici u fic-cirkustanza tal-kaz ma hemm l-ebda bilanc dovut lis-socjeta’ attrici;

5. Illi ghar-ragunijiet moghtija fl-eccezzjonijiet precedenti s-socjeta’ eccepjenti m’ghandiex taghti l-interessi mitluba, li del resto ma gewx mahduma skond il-ligi.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontrotalba tal-istess socjeta konvenuta (fol 12 tal-atti) u li biha wara li ppremettiet illi s-socjeta konvenuta.

Premess illi s-socjeta konvenuta inkarigat lis-socjeta’ attrici, li accetat, sabiex tissuplixxi u tinstalla *chillers, fan colis, boiler u calorifiers* u merci simili u/jew relatati fil-lukanda San Lawrence Leisure Resort, Ghawdex;

Premess illi fl-ezekuzzjoni ta’ dan l-inkarigu s-socjeta attrici kienet mankanti fis-sens li ma kkompletatux kif pattwit, certu xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u certu materjal li gie provdut ma kienx tal-kwalita tajba; di piu *parts* li thassru waqt li kienu taht garanzija ma gewx mibdula mis-socjeta attrici;

Premess illi sabiex tkun tista topera l-imsemmija lukanda minghajr ma tohloq inkonvenjent lill-klijenti taghha, is-socjeta konvenuta kellha taghmel ix-xoghol rimedjali kollu hi a spejjez taghha.

Premess illi s-socjeta konvenuta hi intitolata li tigi kkompensata mis-socjeta attrici ghal dawn l-ispejjez u ghad-danni li sofriet:

Talbet sabiex is-socjeta attrici tghid il-ghaliex:

1. tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta attrici naqset milli tesegwixxi l-inkarigu moghti lilha mis-socjeta konvenuta

sabiex tinstalla fil-lukanda San Lawrenz Leisure Resort *chillers, fan coils, boiler u calorifiers* u merci simili u/jew relatati bil-moghod mistenni minnha u dan billi ma kkompletatux, esegwit certu xoghol mhux skond is-sengha u l-arti, ssupplit certu materjal li ma kienx ta' kwalita tajba u di piu naqset milli tibdel *parts* li thassru waqt li dawn kienu ghadhom taht garanzija u per konsegwenza tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta konvenuta timmerita li tigi kkumpensata (a) ghall-ispejjez li nefqet sabiex tirrimedja dawn il-mankanzi tas-socjeta attrici u (b) ghad-danni li l-istess socjeta attrici sofriet b'risultat ta' l-istess mankanzi;

2. Tillikwida dan il-kumpens u danni okkorendo bl-opera ta' perit nominand; u

3. Tikkundanna lis-socjeta attrici thallas lis-socjeta konvenuta tali somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' attrici rikonvenzjonata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi ddikjarat illi l-pretesjonijiet tas-socjeta' konvenuta jeccedu l-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) izda ma jeccedux il-hames t'elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess socjeta attrici rikonvenzjonata (fol 16 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok, u minghajr ebda pregudizzju ghal dak eccepit hawn aktar l-isfel, is-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti ghandha l-ewwel u qabel xejn tiddikjara bi precizjoni taht liema artikolu jew artikoli tal-Ligi hija qeda tirreklama l-pretensjonijiet dedotti minnha fil-Kontro-Talba taghha.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti li tiehu konjizzjoni tal-Kontro-Talba tas-socjeta konvenuta.

3. Illi, fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet rikonvenzjonanti huma preskritti ai termini tal-artikolu 1431 u 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet

ta’ Malta, salv u impregudikat id-dritt tas-socjeta attrici li teccepixxi preskrizzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

4. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet rikonvenzjonanti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjeta attrici rikonvenzjonata ma kkawzat ebda danni lis-socjeta konvenuta peress li mhux minnu li s-socjeta attrici naqset li tesegwixxi l-inkarigu ilha moghti bil-mod mistenni minnha billi ma kkompletatux jew esegwit xoghol mhux skond is-sengha u l-arti, jew issuplit materjal mhux tal-kwalita tajba jew naqset li tbiddel parts, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza tant illi x-xogholijiet kollha li saru gew spezzjonati u ccertifikati mill-Inginier innifsu tas-socjeta konvenuta oltre li s-socjeta konvenuta hallset kwazi l-kapital kollu hlief Lm180.50 li qed jintalbu fil-kawza odjerna (flimkien mal-imghax li ghadu dovut) minn kuntratt ta’ Lm100,000.00 u ghaldaqstant it-talbiet rikonvenzjonanti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kollha kontra s-socjeta konvenuta rikonvenzjananti.

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-konvenuti rikonvenzjonanti mhux biss hima tenuti jippruvaw materjalment li huma soffrew danni, izda jridu jippruvaw ukoll in-ness (nexus) bejn id-danni minnhom allegatament sofferti u s-socjeta attrici rikonvenzjonata.

6. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta ‘Jannar 2004 (a fol 18 tal-atti) fejn jinghad “ L-ewwel (li) ser jigu decizi huma l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta rikonvenzjonata”.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Mejju 2004 (fol 19 tal-atti) minn fejn jidher illi s-socjeta konvenuta ddikjarata li l-kontro talba in esami u maghmula minnha hi wahda ghad-danni u b’hekk l-ewwel eccezzjoni ghall-istess kontro talba

sottomessa mis-socjeta attrici qed tigi rtirata illi in rigward it-tieni eccezzjoni sottomessa ghall-istess kontro talba, s-socjeta attrici xtaqet "… zmien biex jirregola ruhu' u illi, hawnhekk ser tigi decisa, biss, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet in rigward l-istess eccezzjoni in esami (fol 20 u fol 28 rispettivament).

Ikkunsidrat

Illi l-eccezzjoni in esami kif jidher a fol 11 tal-atti, fis-sustanza, tghid illi din il-Qorti hi inkompetenti sabiex tiddeciedi dak mitlub fl-avviz in esami u dan "inkluz l-inkompetenza 'ratione valoris' invista li din il-Qorti qed tintalab sabiex tiddeciedi materji li jesorbitaw l-kompetenza taghha. Dwar dan, is-socjeta konvenuta, fit-tieni eccezzjoni taghha ssemmi illi l-inkarigu moghti lill-istess socjeta attrici, konsistenti f''xogholijiet u merkanzija' kien ta' valur ta' madwar Lm100,000.00 u fl-esekuzzjoni tal-istess inkarigu kienet mankanti fis-sens li certu xoghol ma tlestiex, iehor ma kienx skond l-arti w is-sengha waqt li certu materjal provdut mill-istess socjeta attrici ma kienx tal-kwalita' tajba u 'parts' li kienu thassru, ma gewx sostitwiti.

Ikkunsidrat

Illi, pero', tali eccezzjoni trid tigi abbinata mal-kontro talba in esami fejn gie espressament imnizzel illi d-<u>danni</u> pretizi mis-socjeta konvenuta u 'da liquidarsi' minn din il-Qorti ma jeccedux il-hames telef liri Maltin (Lm5,000.00). Inolte skond l-avviz in esami, l-ammont hemm pretiz jikkonsisti, fil-maggor parti tieghu f'imghax allegatament dovut waqt li parti minima tat-talba in esami tirreferi ghal bilanc allegatament ghadu dovut fuq il-prezz tax-xoghol u merkanzija in esami.

Illi, kif jidher mill-premess, kemm l-avviz kemm il-kontro talba migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti bl-ebda mod ma jmorru oltre l-kompetenza ta' din il-Qorti. Difatti jidher li din il-Qorti ma tridx tesamina <u>l-validita o meno</u> tal-obligazzjoni

principali meta certament din kienet tkun oltre l-kompetenza taghha. Lanqas ma qed tigi mitluba li tordna xi tnaqqis fil-prezz tal-istess xoghol u materjal a basi tal-‘actio estimatoria’ li tinvolvi l-esami tal-istess obligazzjoni principali u tnaqqis fil-prezz li jista’ jmur oltre l-kompetenza taghha ‘ratione valoris’. Din il-Qorti qed tintalab, biss, kif di gja inghad, il-likwidazzjoni ta’ dawn, allegatament dovuti lis-socjeta konvenuta, liema danni ma jmorrux oltre l-Lm5000.00, kif hemm dikjarat fl-istess kontrotalba.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi notat illi s-socjeta konvenuta qed tallega tali inkompetenza, biss, ‘ratione valoris’ kif jirrisuta, ampjament minn nota sottomessa minnha u a basi ta’ din, l-istess Qorti hi certament, kompetenti li tiddeciedi kemm l-avviz kemm l-istess kontro talba.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni in esami u tordna li din il-kawza tissokta sabiex jigu decisi t-talba u kontro talba in esami flimkien mal-eccezzjonijiet rimanenti sottomessi mill-partijiet.”

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b’ din is-sentenza, u wara li otteniet id-debita awtorizzazzjoni mill-ewwel Qorti, appellat minnha bl-aggravju sostanzjali li, kif profess fis-sentenzi minnha citati, (i) id-determinazzjoni tal-kompetenza, o meno, kienet dipendenti wkoll mill-ezami ta’ eccezzjonijiet ghat-talba u (ii) fil-kaz specifiku, in-natura ta’ l-eccezzjonijiet minnha sollevati kienu tali li jirrikjedu investigazzjoni tan-negozju shih bejn il-kontendenti u dan allura kellu jittraduci ruhu fl-inkompetenza *rationae valoris* tal-Qorti adita;

Hi disposizzjoni cara tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) hi fakoltizzata “tisma’ u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta’ hamest elef lira” [Artikolu 47 (1)]. Jinsab provvdut, imbaghad, fl-istess Kodici ritwali illi “l-valur ta’ l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba (a) meta t-talba

hija ghall-hlas ta’ somma determinata” (Artikolu 748; **Kollez. Vol. XXXII P I p 196**). Hu, imbaghad, espressament dispost ukoll illi “fil-kawza dwar kapitali u mghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somom tal-kapitali u ta’ l-imghaxijiet flimkien” [Artikolu 760 (1)]. Ghall-kompletezza, dan l-ahhar artikolu jrid jinqara unitament ma’ l-Artikolu 765 li jistabilixxi li ghal skop ta’ valur m’ ghandux jittiehed qies, *inter alia*, ta’ l-imghaxijiet li jkunu ddekorrew matul il-kawza. A propozitu ntqal fid-decizjoni riportata a **Vol. XXVII P I p 978** illi “*con tali disposti è evidente che lo scopo del legislatore fu quello di radicare la competenza a base di valore o della somma di capitali e lucri come chiesto coll’ atto di citazione; mentre una Corte di giurisdizione limitata non potrebbe divenire incompetente pel solo fatto che, cumulati gli interessi maturati durante il giudizio, il limite della sua competenza venisse ecceduto*”;

Jikkonsegwi minn dawn id-disposizzjonijiet fuq riprodotti illi hi regola ta’ portata generali, in materja tad-determinazzjoni tal-“*forum destinatae solutionis*”, illi l-valur tal-kontroversja hu cirkoskritt mid-domanda. “Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddetermina l-kompetenza taghha” (“**Frankie Refalo *nomine* -vs- Jason Azzopardi *et***”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997);

Dan affermat, gie pero` ribadit ukoll f’ bosta decizjonijiet li dan il-principju mhux ghal kollox assolut. Hekk inghad mil-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran fid-decizjoni “**Maria Grazia Pullicino *et* -vs- Assuero Ellul**”, Qorti Civili, Prim' Awla, 25 ta’ Ottubru 1966, illi “s-sottomissjoni li l-valur ghandu jigi stabbilit biss mid-domanda mhix ezatta fir-rigorozita` taghha kollha, u ghandha tigi modifikata fis-sens li d-duttrina procedurali korretta tirrikonoxxi kazijiet fejn il-kompetenza ma tiddependix mid-domanda biss, imma anke mill-eccezzjoni. Din hija prassi forensika pjuttost komuni”. Fiha issokta jinghad illi “huwa veru li l-Kodici ta' Procedura isemmi bhala regola generali

l-kriterju baziku tad-domanda ta’ l-attur [Artikolu 784 (2) (c) u Artikolu 749, fil-prezent Artikoli 747 (2) (c) u 748] imma l-istess Kodici f’ almenu zewg disposizzjonijiet vicini jenuncja kazijiet ohra li fihom l-eccezzjoni tati lok ghall-modifika tal-kompetenza fis-sens li waqt li l-Qorti adita tibda biex tkun perfettament kompetenti skond id-domanda, tispicca nkompetenti minhabba l-eccezzjoni”. Essenzjalment, dik il-Qorti tissenjala d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 754 u 757 (2) tal-Kapitolu 12, anke jekk ma tonqosx milli tippreciza li jista’ jkun hemm kazijiet ohrajn ukoll. Din il-Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni, aktar minn darba, tirriafferma u tirrepeti dan l-istess hsieb. Ara f’ dan is-sens “**Vicky Coleiro *et* -vs- Michael Grech**”, Appell Inferjuri (Ghawdex), 10 ta’ April, 2003, “**Alfred Agius *et* -vs- Peter Montebello**”, 14 ta’ Jannar, 2004 u “**Carmelo Cassar *nomine* -vs- Victor Zammit**”, 23 ta’ Gunju, 2004;

Ta’ l-istess fehma huma s-sentenzi citati mis-socjeta` appellanti, jigifieri, “**Vincent Brincat -vs- Domestica Limited**”, Appell Inferjuri, 25 ta’ Jannar, 2002, u “**Anthony Zammit -vs- Joseph Ellul *nomine***”, Appell Inferjuri, 31 ta’ Lulju, 1996 u d-decizjonijiet f’ din ta’ l-ahhar riferenzjati, riportati a **Vol. XXXV P II p 403** u **Vol. XXXVII P I p 542**;

Maghdud dan, jokkorri li wiehed joqghod ferm attent li ma jwassalx l-insenjament stabbilit fil-precitati decizjonijiet ghall-estrem li jigi znaturat il-principju tad-dritt procedurali li jrid li l-valur ta’ l-oggett fil-kawza jkun determinat mit-talba. Fi kliem iehor, l-influwenza ta’ l-eccezzjoni fuq id-domanda ma ghandhiex tigi adottata indiskriminatament b’mod li l-eccezzjoni, tkun xi tkun, titrasmoda ruhha ghall-finijiet ta’ kompetenza, qisha hi stess il-principju. Dan, certament, ma jikkorrispondix ghar-*ratio legis*;

Il-Kodici Taljan ta’ Procedura Civili, fl-artikoli 10 u 14 tieghu, jikkontjeni disposizzjonijiet konsimili ghal dawk taghna fl-Artikoli 748 u 760 tal-Kapitolu 12. Dwarhom il-

Qorti Taljana ta' Kassazzjoni tistatwixxi dawn il-pronunzjamenti:-

1. "*Il valore della causa si desume con riferimento all' oggetto della domanda e non all' oggetto dell' indagine attraverso la quale si debba valutare il fondamento della stessa domanda.*" (**Cass. 2001, Numru 3398**);

2. "*Da cio consegue che l' eccezione del convenuto in ordine all' esistenza o validita` del rapporto contrattuale sulla quale è basata la domanda, comporta lo spostamento della competenza, in dipendenza dal maggior valore dell' intero rapport rispetto al valore della domanda,* <u>*solo*</u> *nel caso in cui l' eccezione non sia stata proposta come mero mezzo di difesa, ma dia luogo ad una questione pregudiziale da risolversi con efficacia di giudicato ai sensi dell' art. 34*." (**Cass. 2002 Numru 4638**);

3. L-istess insenjament japplika fejn it-talba hi wahda purament ghall-hlas "*di somme di denaro*" (**Cass. 2003, Numru 2696**; **Cass. 1999, Numru 1789**);

4. Fir-rigward tal-kwestjoni pregudizzjali li jirreferu ghaliha dawn is-sentenza, "*occorre distinguere quelle che sono tali soltanto in senso logico in quanto investono circostanzi che rientrano nel fatto costitutivo del diritto dedotto in causa e devono essere necessariamente decise 'incidenter tantum' e questioni pregudiziali in senso tecnico che concernano circostanze distinte ed indipendenti dal detto fatto costitutivo, dal quale, tuttavia, rappresentano un presupposto giuridico, con la conseguenza che la formazione della cosa giudicata sulla pregiudiziale in senso tecnico puo` aversi, unitamente a quella sul diritto dedotto in lite, solo in presenza di espressa domanda da parte di soluzione della questione stessa.*" (**Cass. 2001, Numru 3248**; **Cass. 1995, Numru 4229**);

B’ applikazzjoni ta’ dawn l-insenjamenti kollha, din il-Qorti jehtiegilha tezamina jekk il-Qorti ta’ l-ewwel grad ikkonkludietx korrettement meta cahdet l-eccezzjoni sollevata ta’ l-inkompetenza minhabba l-valur;

Jigi osservat illi kontra d-domanda proposta mis-socjeta` attrici ghall-hlas tal-bilanc tal-kapital u ta’ l-imghaxijiet fuq is-somma originali tax-xoghlijiet appaltati, is-socjeta` appellanti gabet ‘il quddiem b’ difiza eccezzjonijiet li jikkoncernaw il-kwalita` ezekuttiva ta’ l-istess xoghlijiet u kontestazzjoni relattiva ghall-komputazzjoni ta’ l-imghaxijiet. Fil-kaz ta’ l-ewwel xorta ta’ eccezzjonijiet l-istess socjeta` appellanti pprocediet ukoll b’ kontro-talba ghar-rizarciment tad-danni. Tajjeb li jigi rilevat illi ghal skop ta’ kompetenza l-istess socjeta` appellanti ticcirkoskrivi l-ammont tad-danni li hi tispetta li tirriskwoti b’ dik il-kontro-talba sal-valur ta’ hamest elef lira;

Dan premess, l-ewwel osservazzjoni li trid issir hi din. Ghal fini ta’ kompetenza l-valur tad-domanda rikonvenzjonali ma jigix assommat ma’ dak tad-domanda principali tas-socjeta` appellata. Apparti dan, kif sewwa rilevat mill-ewwel Qorti, il-fatt li socjeta` appellanti nnifsiha illimitat d-danni pretizi sa l-ammont li jaqa’ fil-kompetenza ta’ dik il-Qorti dan kien logikament iwassal biex dik il-Qorti tkun hekk kompetenti li tiehu konjizzjoni, u tiddeciedi wkoll, kemm it-talba principali kif ukoll il-kontro-talba in bazi ghal valur tat-talbiet reciproci. Dejjem imbaghad ghandu jinzamm in vista illi l-eccezzjoni hi wahda kollegata mal-valur tal-kawza u mhux ukoll mal-materja taghha;

Bir-rispett dovut, imbaghad, din il-Qorti ma tarax ghaliex l-eccezzjoni dwar il-komputazzjoni, allegatament inkorretta, ta’ l-imghaxijiet ghandha ghal daqshekk biss jkollha l-effett li lill-kawza jigi attribwit il-valur tar-rapport intier. L-ammont mitlub hu dak li hu u jekk l-imghaxijiet humiex matematikament korretti jew le dan m’ ghandux, fil-fehma tal-Qorti, jipparalizza l-principju tad-dritt procedurali relattiv

ghall-kompetenza tal-kontroversja dwarhom. Ir-rizoluzzjoni taghha hi wahda merament ta’ komputazzjoni u ma tinvolvix kwstjonijiet pregudizzjali koncernanti cirkostanzi distinti u indipendenti mill-istess fatt kostitutiv dedot fil-*petitum* tas-socjeta` appellata. Is-sitwazzjoni hi alkwantu distinta minn dik tal-fattispeci fil-kaz “**Anthony Zammit -vs- Joseph Ellul**” billi hemmhekk kien hemm speci ta’ kont kurrent miftuh bejn il-partijiet u allura obbligazzjonijiet u negozji diversi li kienu jehtiegu ezami fl-assjem ghad-determinazzjoni tat-talba proposta mill-attur. Hanwhekk, invece, ir-rapport negozjali hu wiehed u l-Qorti mhix imsejha biex tinvesti u tirrisolvi obbligazzjonijiet varji bhala gudizzju indipendenti u separat imma pjuttost kwestjonijiet ta’ valur rientranti fil-gurisdizzjoni taghha;

Irid jinghad li l-materja involuta f’ din il-kawza ppreokkupat mhux ftit lill-Qorti, imma wisq tibza’ li kieku kellha taccetta s-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti dan igib x’ aktarx skombussulament shih in kwantu bosta kawzi potenzjalment jissottraju ruhhom ghal komptenza tal-Qorti nferjuri bl-iskuza ta’ l-investiment tal-valur magguri tar-rapport negozjali intier. Invece, kull kaz ghandu jigi mistharreg fuq il-fattispeci partikulari tieghu, bla ma jisfuggi qatt mill-mira li l-principju baziku hu dak insit fid-dettam tal-ligi, ex-Artikoli 748 u 760 (1) tal-Kodici ta' Procedura.

In bazi ghall-kunsiderazzjonijiet kollha superjorment esposti din il-Qorti tirrespingi l-appell devolut lilha u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata dwar l-kompetenza. Tirrinvija lura l-atti processwali lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-meritu tat-talba u tal-kontro-talba u d-difizi rispettivi ghalihom. Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-prezenti procedura jiqbghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------